



Brussell, 6 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0050(COD)

14317/21
ADD 2

SOC 687
EMPL 517
GENDER 122
ANTIDISCRIM 104
CODEC 1536
IA 187

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	6750/21 - COM(2021) 93 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar - Approċċ ġenerali - Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni mill-Ungerija fir-rigward tad-Direttiva msemmija hawn fuq, li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

L-Ungerija taqbel li t-trattament ugwali fl-impjiegi għandu jkun appoġġat minn inċentivi li għandhom l-għan li jeliminaw l-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe differenza diskriminatorja bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, kif ukoll billi jiġu żgurati mekkaniżmi effettivi ta' infurzar tal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti.

L-Ungerija tenfasizza l-appoġġ sħiħ tagħha għall-oġettiv bażiku tad-Direttiva proposta.

L-Ungerija hija impenjata li tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol nondiskriminatorji li jipproteġu lill-ħaddiema kollha, u għal dan il-għan, inħeġġu wkoll lil min iħaddem biex jieħu miżuri fil-livelli kollha biex jelimina d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, u biex isahha il-prattika ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.

L-Ungerija tapprezza l-isforzi tal-Presidenza biex jintlaħaq ftehim dwar il-Proposta għal Direttiva biex tissaħħa l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar.

Madankollu, minkejja t-titjib li ġie introdott matul in-negożjati, kwistjonijiet kunċettwali fundamentali u għadd kbir ta' dispożizzjonijiet tal-proposta attwali - speċjalment dawk relatati mal-protezzjoni tad-data - għandhom jiġu diskussi u ċċarati aktar fil-livell tekniku fil-Kunsill.

Fir-rigward tad-Direttiva proposta l-Ungerija tixtieq tiegħu d-deċiżjoni finali tagħha wara l-konklużjoni tan-negożjati interistituzzjonali u wara li tkun ikkunsidrat jekk il-prinċipji tal-proporzjonalità, iċ-ċarezza tal-istandards, il-protezzjoni tad-data, l-evitar ta' piż amministrattiv u finanzjarju eċċessiv u r-rispett għall-kompetenzi nazzjonali tal-Istati Membri humiex issodisfati kif xieraq.